PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9025 — Pizza Hut/Telepizza)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 414/15)

1. Fis-7 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Pizza Hut International, LLC ("Pizza Hut", l-Istati Uniti tal-Amerika), li tappartjeni għall-grupp YUM! (l-Istati Uniti tal-Amerika)

— Telepizza Group, S.A. ("Telepizza", Spanja).

Pizza Hut tidħol f'amalgamazzjoni sħiħa fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet ma' Telepizza.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' ftehimiet.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Pizza Hut: operazzjoni, direttament jew permezz ta' master franchisees u franchisees, ta' ristoranti tal-pizza bil-marka tad-ditta Pizza Hut f'aktar minn 100 pajjiż f'sitt kontinenti,

— Telepizza: operazzjoni, direttament jew permezz ta' master franchisees u franchisees, ta' ristoranti tal-pizza bil-marka tad-ditta Telepizza f'aktar minn 20 pajjiż, b'mod partikolari Spanja u l-Portugall.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

Il-Każ M.9025 — Pizza Hut/Telepizza

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").